# It-Trasport bil-Baħar bejn Malta u Għawdex: K3/2024

NR 193/2024 Data tal-Ħruġ: 18 ta' Ottubru 2024

*Fit-tielet kwart tal-2024, it-trasport bil-baħar bejn Malta u Għawdex irreġistra żidiet fil-vetturi u fil-vjaġġi, u tnaqqis fil-passiġġieri meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2023.*



**It-trasport bil-baħar bejn Malta u Għawdex**

Bejn Lulju u Settembru 2024 saru total ta' 11,999 vjaġġ, li ġarrew total ta' 1,977,544 passiġġier (Tabella nru 1). Awwissu kien l-aktar xahar impenjattiv meta fih saru total ta' 4,099 vjaġġ jew 34.2 fil-mija tal-vjaġġi kollha f'dan il-perjodu (Tabelli nri 3 u 7).

**It-trasport bil-baħar bejn l-Imġarr u ċ-Ċirkewwa**

Total ta' 1,657,345 passiġġier ivvjaġġaw bejn l-Imġarr u ċ-Ċirkewwa fit-tielet kwart tal-2024, tnaqqis ta' 3.2 fil-mija meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2023. L-ogħla numru ta' passiġġieri kien irreġistrat f'Awwissu — 578,090 jew 34.9 fil-mija tat-total għat-trimestru. Meta mqabbel mal-istess kwart tas-sena ta' qabel, l-għadd ta' vetturi żdied b'1.4 fil-mija għal total ta' 588,664 (Tabelli nri 2 u 3).

Fit-tielet kwart tas-sena, l-għadd ta' vjaġġi laħaq id-9,226, li huwa żieda ta' 0.2 fil-mija fuq l-istess żmien fl-2023 (Tabella nru 2). F'Awwissu kien irreġistrat l-ogħla numru ta' vjaġġi — 3,122 jew 33.8 fil-mija tal-vjaġġi totali għat-trimestru (Tabella nru 3).

Bejn Jannar u Settembru 2024, fil-Ħdud u s-Sibtijiet kien hemm l-aktar traffiku ta' passiġġieri li oriġinaw mit-terminal tal-Imġarr, filwaqt li t-traffiku tal-vetturi mill-istess naħa kien l-ogħla fil-Ħdud u t-Tnejnijiet. Min-naħa l-oħra, il-jiem tal-Ġimgħa u s-Sibt kellhom l-aktar traffiku ta' passiġġieri u vetturi li oriġinaw miċ-Ċirkewwa (Ċarts nri 4 u 5).

## Ċart nru 1. Il-qsim tal-passiġġieri u l-vetturi bejn Malta u Għawdex




**It-trasport bil-baħar bejn l-Imġarr u l-Belt Valletta**

Matul it-tielet kwart tal-2024 saru total ta' 2,773 vjaġġ li ġarrew total ta' 320,199 passiġġier (Tabella nru 6). Meta mqabbel mal-istess żmien fl-2023, l-għadd ta' vjaġġi żdied b'5.2 fil-mija, filwaqt li n-numru ta' passiġġieri żdied b'20.5 fil-mija. Ix-xahar t'Awwissu rreġistra kemm l-ogħla numru ta' vjaġġi — 977 jew 35.2 fil-mija, kif ukoll l-ogħla numru ta' passiġġieri — 120,220 jew 37.5 fil-mija — għat-tielet kwart tas-sena (Tabella nru 7).

## Mappa nru 1. It-taqsim tal-vjaġġi bejn Malta u Għawdex fit-K3/2024




## Ċart nru 2. It-taqsim tal-passiġġieri bit-tip ta' rotta bejn Malta u Għawdex fit-K3/2024




## Ċart nru 3. Il-passiġġieri u l-vetturi lejn u mill-Imġarr u ċ-Ċirkewwa

Lulju-Settembru




## Ċart nru 4a. Il-vetturi lejn u mill-Imġarr bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Settembru




## Ċart nru 4b. Il-vetturi lejn u miċ-Ċirkewwa bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Settembru




## Ċart nru 5a. Il-passiġġieri lejn u mill-Imġarr bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Settembru




## Ċart nru 5b. Il-passiġġieri lejn u miċ-Ċirkewwa bil-jum tal-ġimgħa

Jannar-Settembru

